2011/0372(COD)

28.3.2012

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni
(COM(2011)0789 – C7-0433/2011 – 2011/0372(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Takis Hadjigeorgiou

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

1. Jirrimarka li l-proposta tal-Kummissjoni li d-Deċiżjoni 280/2004/KE tkun issostitwita b'regolament tista' tiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħha billi ttejjeb il-monitoraġġ u l-proċeduri ta' implimentazzjoni eżistenti. L-esperjenza wriet il-ħtieġa ta' titjib fil-proċeduri tal-UE għall-monitoraġġ, l-irrappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet.

2. Skont l-UNFCCC, l-UE u lill-Istati Membri tagħha huma meħtieġa jfasslu, jaġġornaw minn żmien għall-ieħor, jippubblikaw u jirrappurtaw lill-Konferenza tal-Partijiet l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar tal-gassijiet kollha b'effett ta' serra mhux ikkontrollati mill-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, billi jużaw metodoloġiji komparabbli miftiehma mill-Konferenza tal-Partijiet.

3. Jirrimarka li l-għan aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC – United Nations Framework Convention on Climate Change), li ġiet approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 94/69/KE, huwa li l-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG – greenhouse gas) jinżammu stabbli fl-atmosfera f'livell li jevita interferenza antropoġenika perikoluża mas-sistema tal-klima. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, iż-żieda annwali globali ġenerali tat-temperatura medja tal-wiċċ ma għandhiex taqbeż iż-2°C 'il fuq mil-livelli pre-industrijali. Dan jimplika li l-Komunità ssaħħaħ l-isforzi tagħha, li l-pajjiżi industrijalizzati jiġu involuti malajr u li jittieħdu miżuri li jħeġġu l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi żviluppati fil-proċess ta' naqqis tal-emissjonijiet.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1
Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi implimentata d-deċiżjoni tal-Konferenza ta' Kopenħagen li tgħid li l-pajjiżi industrijalizzati għandhom jimpenjaw ruħhom li jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jgħinuhom jissodisfaw l-impenji tagħhom

ta' tnaqqis tat-tniġġis.

Or. el

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li jridu jkunu bbażati fuq il-prinċipju tar-responsabilità komuni iżda differenzjata tal-partijiet ikkonċernati.

Or. el

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Jinnota l-inklużjoni ta' Ċipru u Malta fl-Anness I tal-Protokoll ta' Kjoto skont id-Deċiżjoni CP.17 (effettiva mill-1 ta' Jannar 2013 jew data sussegwenti) u d-Deċiżjoni 3/CP15 (effettiva mis-26 ta' Ottubru 2010), rispettivament.

Or. el

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Huwa tal-fehma li, sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-arranġamenti

ġħall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, jeħtieġ li jiġi evitat li jiżdied ulterjorment il-piż finanzjarju u amministrattiv li diġà qed iġorru l-Istati Membri.

Or. el

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Jinnota li, fil-Konferenza tal-Partijiet (COP) tal-UNFCCC f'Durban (COP17), l-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom li jwaqqfu fond "aħdar" biex jipprovdu għajnuna għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jirrispondu u jadattaw għat-tibdil fil-klima, li jrid jidħol fis-seħħ minnufih, fid-dawl tar-riżultati tar-rapport ta' żvilupp internazzjonali għall-2010, li kien jgħid li l-ispejjeż addizzjonali ta' tnaqqis u adattament għall-ifqar pajjiżi b'mod ġenerali sal-2030 aktarx li jkunu bejn $170 u $275 biljun.

Or. el

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Jesprimi, għal darb'oħra, it-tħassib tiegħu fir-rigward tad-daqs ta' skambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u għall-fatt li sal-lum id-Direttiva 2003/87/KE naqset milli tilħaq ir-riżultati mixtieqa.

Or. el

Emenda 7
Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Is-setgħat tal-Kummissjoni li tadotta atti ddelegati sabiex iżżid jew tneħħi sustanzi li huma fil-lista ta' gassijiet b'effett ta' serra stipulata fl-Anness I ta' dan ir-regolament iridu jkunu konformi mal-ftehimiet internazzjonali ġodda kollha.

Or. el